



# L-Aġjar Prattiki fit-taħriġ tal-imħallfin u l-prosekuturi

Kategorija tal-prattika: Kurrikuli Innovattivi jew Pjan ta' Taħriġ fi kwalunkwe Qasam Partikolari

Tip tal-prattika: Prattika Tajba

Pajjiż: Il-Bulgarija

April 2014

Titlu tal-prattika	L-Għoti ta' Taħriġ lill-Imħallfin u l-Prosekuturi b'Konnessjoni ma' Professjonijiet Oħrajn
<i>Karatteristiċi prinċipali:</i>	<p>Kull meta jkun ċar li x-xogħol tal-imħallfin u l-prosekuturi ma jistax ikun eżaminat separatament, peress li jista' jidħol ma' varjetà ta' professjonijiet oħrajn, kemm ġuridiċi u kemm le, xi istituzzjonijiet tat-taħriġ jenfasizzaw il-valur miżjud tat-taħriġ mogħti lil udjenza kkombinata.</p> <p>Jingħad li dan l-approċċ jirnexxi ħafna, minħabba l-valur miżjud għal kull grupp ta' parteċipanti fil-mira li jkunu jistgħu jaraw kif jiżviluppa ċertu proċess mill-għajnejn ta' professjoni oħra. Dan jippermetti lill-atturi kollha fil-qasam ġudizzjarju u barra minnu biex juru fehim u livell ogħla ta' kuxjenza lejn l-amministrazzjoni tal-ġustizzja bħala entità.</p> <p>Fil-<b>Bulgarija</b>, jiġi applikat approċċ ġeneriku mħallat lejn it-taħriġ f'ħafna aspetti tat-taħriġ ġudizzjarju. L-attivitajiet ta' taħriġ żdiedu biex jinkludu: gruppi ta' taħriġ imħalltin mill-ġudikatura u minn barra mill-ġudikatura, skwadri ta' taħriġ imħalltin, formati ta' taħriġ imħalltin u taħriġ istituzzjonali mħallat fil-ġudikatura u barra minnha. Il-gruppi ta' taħriġ imħalltin huma magħmula minn bosta professjonisti u jistgħu jinkludu: imħallfin, prosekuturi, investigaturi ġudizzjarji, membri tal-amministrazzjoni ġudizzjarja, pulizija investigattiva, impjegati tal-Ministeru tal-Ġustizzja, espert legali tal-banek, esperti tal-midja / ġurnalisti.</p> <p>Dan l-approċċ wera li rnexxa sew, minħabba li hu ta' valur għal kull grupp ta' parteċipanti fil-mira li jkunu jistgħu jaraw il-proċess mill-għajnejn ta' professjoni oħra. Dan jippermetti lill-atturi kollha fil-komunità ġudizzjarja u barra minnha biex jiżviluppaw fehim u livell</p>

	ogħla ta' kuxjenza tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja bħala entità.
<i>Detalji ta' kuntatt tal-istituzzjoni</i>	<p>National Institute of Justice (NIJ)                  14 EkzarhYossif Str.                  BG 1301 Sofia                  Bulgaria                  Telefown: + 359 2 9359 100                  Faks: + 359 2 9359 101                  Email: <a href="mailto:nij@nij.bg">nij@nij.bg</a>                  Sit elettroniku: <a href="http://www.nij.bg">http://www.nij.bg</a></p>
<i>Kummenti oħrajn</i>	<p>L-istituzzjonijiet ta' taħriġ jaf ikunu jixtiequ jikkunsidraw it-trasferibilità tas-sistema deskritta fuq, li tista' tkun ikkwalifikata bħala <b>PRATTIKA TAJBA</b>, b'mod partikolari jekk ikollhom is-saħħa li jorganizzaw avvenimenti ta' taħriġ indirizzati lejn professjonijiet oħrajn jew bi sħubija ma' istituzzjonijiet nazzjonali oħrajn.</p>

Sors: Proġett Pilota - Taħriġ Ġudizzjarju Ewropew: "*Lott 1 – Studju dwar l-aħjar prattiki fit-taħriġ ta' mħallfin u prosekuturi*", imwettaq min-Netwerk Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN)